**Linji Direttivi dwar il-Kumitati Amministrattivi**

## 1. Kumitati Amministrattivi – Twessiegħ tad-Demokrazija Lokali

1.1 Dawn il-linji direttivi, li qed jinħarġu bis-saħħa tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) Artikolu 80 (b), għandhom l-għan li jirregolaw l-operat tal-Kumitati Amministrattivi madwar Malta u Għawdex, li huma mwaqqfa ai termini tal-Artikolu 47A tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

1.2 Il-Kumitati Amministrattivi huma mezz konkret li permezz tiegħu qed tissaħħah id-demokrazija lokali skont il-prinċipju tas-sussidjarjeta`.

1.3 Għaldaqstant, is-sistema Maltija ta' Gvern Lokali tħaddan tlett livelli:

1.3.1 Reġjonali bit-twaqqif ta' ħames Reġjuni skont l-emendi tal-2009 li saru fl-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363);

1.3.2 Kunsilli Lokali li preżentement jammontaw għal tmienja u sittin;

1.3.3 Komunitajiet, li qabel kienu jissejħu "irħula żgħar" kif elenkati fid-Disa' Skeda tal-Att Dwar il-Kunsilli Lokali (Kap.363).

## 2. Komunitajiet stabbiliti mil-liġi

Skont l-emendi li saru fl-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) permezz tal-Att XVI tal-2009, iddaħħal l-Artikolu 47A li waqqaf il-Komunitajiet li jinsabu elenkati fid-Disa' Skeda tal-istess Att, liema Skeda ġiet emendata skont l-Avviż Legali 179 tal-2010.

## 3 Laqgħat tal-Kumitati Amministrattivi

3.1 Il-laqgħat tal-Kumitati Amministrattivi għandhom isiru fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-lokalita`.

3.2 L-elezzjoni taċ-*Chairperson* u l-viċi *Chairperson* issir bl-istess mod kif jiġu eletti s-Sindku u l-Viċi Sindku.

3.3 L-Aġenda tal-laqgħat għandha tiġi ppreparata miċ-*Chairperson* flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv.

3.4 Id-disposizzjonijiet kollha li jirregolaw il-laqgħat tal-Kunsilli Lokali, li jinsabu fl-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) b'mod partikolari l-Ordnijiet Permanenti tal-istess Att li jinsabu fis-Sitt Skeda, japplikaw *mutatis mutandis* għal-laqgħat tal-Kumitati Amministrattivi, u fejn hemm referenza għas-Sindku l-istess japplika ghaċ-*Chairperson*. Dawn l-istess disposizzjonijiet japplikaw ukoll għall-ħinijiet tal-laqgħat.

## 4. Uffiċċju Amministrattiv

4.1 L-uffiċċju amministrattiv tal-Kumitat Amministrattiv għandu jkun l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-lokalita`.

## 5. Responsabbiltajiet devoluti jew delegati lill-Kumitat Amministrattiv

5.1 Ir-responsabbiltajiet tal-Kumitati Amministrattivi huma limitati għall-funzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u dan speċifikament għall-*area* li tinsab fil-konfini tal-Komunita`.

5.2 Kull deċiżjoni li tittieħed mill-Kumitat Amministrattiv dwar xogħol jew servizzi meħtieġa għandha tiġi kkomunikata lill-Kunsill Lokali permezz tas-Segretarju Eżekuttiv fi żmien ta' ħamest ijiem tax-xogħol.

Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jressaq dawn id-deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat Amministrattiv għar-ratifika u konferma tal-Kunsill Lokali fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill li tissuċċedi wara li jkunu ttieħdu dawn id-deċiżjonijiet mill-Kumitat Amministrattiv.

Il-Kunsill Lokali ma jistax jibdel, ivarja jew ma japprovax dawn id-deċiżjonijiet ħlief jekk:-

(i) id-deċiżjoni tkun waħda illegali, *ultra vires* jew kontra r-regolamenti li jirregolaw il-Kunsilli Lokali u l-Kumitati Amministarattivi,

jew

(ii) ikunu qed jiġu proposti xogħolijiet jew inizjattivi li ma jkunx hemm fondi fil-*budget* allokat għal Kumitat Amministrattiv biex jitwetqu.

5.3 Fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom, kemm il-membri tal-Kumitat Amministrattiv kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv għandhom isegwu l-istess disposizzjonijiet tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363)u l-leġislazzjoni sussidjarja li tinkludi l-Avviżi legali u l-proċeduri u l-leġislazzjonijiet relatati.

## 6. Poteri u Obbligi

6.1 Ikun l-obbligu ta' membru tal-Kumitat Amministrattiv li jattendi l-laqgħat kollha tal-Kumitat. Membru tal-Kumitat Amministrattiv jitlef postu bl-istess mod li jitlef postu Kunsillier f'Kunsill Lokali.

6.2 Il-membri tal-Kumitat Amministrattiv għandhom jaqdu l-funzjonijiet tagħhom b'lealta` lejn ir-residenti kollha tal-lokalita` tagħhom.

6.3 Il-Kodiċi ta' l-Etika għar-Rappreżentanti Eletti tal-Gvern Lokali japplika wkoll għall-membri tal-Kumitat Amministrattiv.

6.4 Ilmenti mill-pubbliku u entitajiet kontra allegata malamministrazzjoni minn xi membru tal-Kumitat Amministrattiv jew is-Segretarju Eżekuttiv dwar xi funzjoni li tkun fir-responsabbilta` tal-Kumitat Amministrattiv jistgħu isiru lill-Bord ta' Gvernanza Lokali.

## 7. Finanzi

7.1 Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu il-Kumitat Amministrattiv hu marbut bl-istess termini u kundizzjonijiet li hemm stabbiliti fl-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u l-leġislazzjoni sussidjarja relatata.

7.2 Sabiex jitwettqu l-funzjonijiet tagħhom, il-Kumitati Amministrattivi jkunu responsabbli li jamministraw dak il-proporzjon ta' fondi mill-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali u li tiġi maħduma fuq bażi tal-istess formola ta' finanzjament tal-Kunsilli Lokali li tinsab fit-Tmien Skeda tal-Att Dwar Kunsilli lokali (Kap. 363) u skond l-Artikolu 47A(9) tal-istess Att. L-artikolu tal-aħħar jinkludi Fondi Speċjali u Fondi mill-Unjoni Ewropea.

## 8. Mixellanji

8.1 Il-Kumitat Amministrattiv irid iżomm Laqgħa Annwali tal-Komunita` li għaliha jistgħu jattendu l-Kunsillieri kollha li jkunu jservu fil-Kunsill Lokali tal-lokalita`, kif ukoll ir-residenti reġistrati f'dik il-Komunita` li tagħha jkunu responsabbli. Ghal dan il-għan għandu jintbagħat Avviż lir-residenti bil-posta ordinarja.

8.2 Għal din il-Laqgħa jistgħu jattendu wkoll ir-rapprezentanti akkreditati tal-*Media*.

8.3 Fil-Laqgħa Annwali għandu jiġi moqri Rapport Amministrattiv li jinkludi d-dikjarazzjoni finanzjarja kif ukoll il-Pjan ta' Ħidma għat-tlett snin li ġejjin.